MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 545/2005

**Mobisle Communications Limited (C24655**

**Vs**

**Lamia Majdoub (K.I. Nru. 20885 A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta Frar 2005, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha u sittin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm64.33) rapprezentanti kont ta' servizz rez ai termini ta' kuntratt numru 36597 ghax-xahar ta' April 2004;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 7 ta' Jannar 2005, tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u tal-ittra ufficjali sussegwenti lill-Banek oltre bl-imghaxijiet legali sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' erbgha u sittin lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm64.33) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjes ta' dina l-istanza nkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata 7 ta' Jannar 2005 u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' dan l-avviz a karigu tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------